**QORTI CIVILI PRIM AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tnejn, 11 ta' Mejju, 2020**

**Rikors Nru. 246/2020**

**FL-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 348/2020**
**fl-ismijiet**

**Conrad Pisani**

**vs**

**J. Zammit Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta J. Zammit Limited tat-13 ta' Marzu, 2020 ghal revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 348/2020 a bazi tal-artikolu 836(1)(b), (d) u (f) tal-Kap. 12. Ir-ragunijiet li trid il-ligi ghat-thassir skont dawn is-subincizi huma li ma gewx segwiti r-rekwiziti mehtiega ghal hrug tal-mandat; li l-ammont mhux prima facie gustifkat jew hu eccessiv; jew li ma jkunx ragonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh jew mhux necessarju jew gustifikabbli.

Rat ir-risposta ta' Conrad Pisani li issottometta li l-mandat ghandu jibqa' fis-sehh.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tqis illi l-mandat inhareg minn Conrad Pisani ghal somma li hu qed jallega li hallas lis-sekwestrat bhala depozitu ghal karozza li qatt ma giet konsenjata kif ukoll danni wara mandat li inhareg kontrih mis-socjeta J. Zammit Limited.

L-ewwel raguni tas-sekwestrat ghal revoka tal-mandat hi bazata fuq nuqqas li skont il-gurisprudenza kostanti tirrigwarda nuqqas procedurali fir-rekwiziti ghal hrug tal-att. Ir-rikorrenti jishqu li ma ngiebet ebda prova tad-depozitu bnhala nuqqas ta' prova prima facie ta' pretensjoni. Din il-Qorti tqis li jekk sar jew ma sarx depozitu u c-cirkostanzi konnessi mieghu huma l-mertu tal-azzjoni. Il-pretensjoni hi cara cioe hlas ta' depozitu ta' ammont ta' flus ghal vettura li ma gietx konsenjata. Dan hu bizzejjed prova prima facie bazi ta' pretensjoni li tista' tigi kawtelata u li jrid l-artikolu 836(1) tal-Kap. 12. Imkien ma jsemmi li l-pretensjoni u l-origini taghha jridu jigu pruvati permezz ta' dokumenti. Il-pretensjoni fil-mertu tigi mistharrga fil-kawza u fin-nuqqas li issir il-kawza is-sekwestrat ghandu l-mezzi biex jitlob ir-revoka ta' sekwestru.
Ghalhekk l-aggravju ma fihx mertu.

Is-sekwestrat jissottometti li l-ammont mhux prima facie gustifikat jew eccessiv. Issostni li dan il-mandat sar b'ritaljazzjoni ghal proceduri taghha kontra s-sekwestrant dwar kambjali skaduti u mhux mhallsa. Din il-Qorti tqis li kull munita fiha zewg faccati. Is-sekwestrat qed jippretendi hlas naxxenti minn hrug ta' kambjali mentri s-sekwestrant qed jippretendi rimbors ta' flus moghtija ghal oggett li ma giex konsenjat. Iz-zewg pretensjonijiet huma validi u ma jfissirx li wahda saret b'ritaljazzjoni ghal ohra. Hu l-mertu tal-pretensjoni li mbaghad jiddetermina jekk id-dritt pretiz kienx gustifikat jew hux wiehed eccessiv. Wara kollox mandat jinhareg bil-pjena konnoxxenza tal-parti li qed terfa' r-responsabilta ghal konsegwenzi tieghu.
Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

l-ahhar aggravju hu fis-sens illi s-sekwestru ma kienx necessarju jew gustifikabbli ghax il-qaghda finanzjarja tas-socjeta hi tajba bizzejjed li tista' tassorbi kull pretensjoni maghmula mis-sekwestrant. Gew esebiti l-management accounts ghas-sena 2019 fejn jirrizulta li s-socjeta ghamlet profitt f'dik is-sena ta' l-fuq minn miljun ewro. In oltre jirrizulta li ghandha assi ta' hmistax-il miljun u nofs ewro kontra debiti

kurrenti ta' ghax miljuni u seba' mitt elf ewro. Hi l-fehma tal-Qorti li dawn il-management accounts, mhux kontradetti, juru stampa ta' kumpanija b'sahhitha finanzjarjament u li facilment tiflah tassorbi l-ammont pretiz kontriha f'dan is-sekwestru facilment. L-argument ta' Pisani li assi ta' kumpanija mhux affidabbli ghax l-audited accounts saru l-ahhar fl-2017 u li kumpanija tista' tigi likwidata fi zmien qasir, ma humiex ragonevoli meta tqis il-kobor ta' din il-kumpanija u l-istat b'sahhtu finanzjarju prima facie taghha. Fic-cirkostanzi ghalhekk, salv provi ohra li jistghu jirrizultaw kontra dak esebit in atti, il-Qorti tqis it-talba tas-socjeta J. Zammit Limited bhala gustifikata, ghalkemm mis-sottomissjonijiet maghmula ma hux gust li jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 836(8) u (9) fil-konfront tas-sekwestrant.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni mill-ewwel talba, tichad it-tielet u r-raba' talbiet u qed tilqa' t-tieni talba u thassar il-mandat ta' sekwestru 348/2020, spejjez ghall-intimat.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur